**31 ta' Jannar, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Hammet *et noe.*

*versus*

Vincent Genovese *pro. et noe.*

**Minuri – Inkapaċità li Jikkontratta – Diversi fażijiet tal-Minorità – Ftehim magħżul mill-Minuri minħabba s-Sengħa tiegħu – Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi – Eċċezzjoni Sollevata "ex *ufficio*" mill-Qorti – Nullità tas-Sentenza**

*Skond il-liġi l-minorità hi kunsidrata f'diversi fażijiet. F'din il-kawża tinteressana l-fażi ta' dak il-minorenni li jkun għalaq l-età ta' erbatax-il sena, iżda li jkun għadu ma għalaqx dik tat-tmintax-il sena u li jkun taħt is-setgħa tal-missier.*

*Hu risaput illi minorenni li jkollu l-età msemmija jaqa' taħt ir-regola ġenerali li l-ftehim ikun kunsidrat validu biss għal dawk l-obbligazzjonijiet li ħaddieħor ikun intrabat bihom favur tiegħu. Fi kliem ieħor, bħala regola, obbligazzjonijiet assunti minn minorenni bħal dan huma kunsidrati nulli u bla effett minħabba inkapaċità.*

*Però, skond il-liġi minorenni jista' jsir kapaċi li jikkontratta f'ċerti każijiet indikati mill-liġi fosthom meta ftehim jiġi magħmul mill-minuri minħabba s-sengħa tiegħu. F'dan il-każ il-minuri ma jistax jitlob ir-rexissjoni ħlief f'dawk il-każijiet li fihom jistgħu jitolbuha l-persuni tal-età.*

*Bil-kelma "sengħa" fl-art. 1218 tal-Kodiċi Ċivili l-liġi tirrikjedi kompetenza fil-manifattura, fis-sens litterali tal-kelma – mastrudaxxa, skarpar, ħajjat – u n-nies tas-snajja' m'humiex negozjanti fis-sens li huma definiti fil-Kodiċi tal-Kummerċ.*

*Il-minuri li ma jkunx ġie emanċipat imma jesegwixxi atti dikjarati li huma atti ta' kummerċ, xorta waħda dak il-minuri jiġi kunsidrat bħallikieku ġie emanċipat u l-obbligazzjonijiet li bihom jintrabat ma jkunx jista' jħollhom fuq il-bażi tal-minorità tiegħu.*

*Din l-eċċezzjoni ma ġietx sollevata mill-partijiet iżda mill-Qorti stess. L-ewwel Qorti għalhekk ipproċediet bi proċedura li tivvjola prinċipju kardinali tas-smigħ tal-kawża u cjoè illi l-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li mhux awtorizzati espressament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn konsiderazzjonijiet ta' Ordni Pubbliku. Nullità tas-sentenza.*

Il-Qorti:- Ikkunsidrat:

Is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ f'din il-kawża ingħatat fil-11 ta' Ġunju, 1986, u tgħid hekk:

Il-Qorti – rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut *proprio et nomine* ppretenda li jbiegħ lill-imsemmi minuri Joseph apparat *Base P.M.I. Power Mixer* u fil-fatt il-konvenut *proprio et nomine* rċieva mingħand l-istess minuri s-somma ta' tmien mitt lira maltin (Lm800) bħala parti mill-prezz għall-pretiż bejgħ; u peress illi l-istess minuri kien inkapaċi li jikkontratta tali bejgħ u għalhekk l-istess bejgħ huwa null u mingħajr effett fil-liġi; u peress illi l-apparat *Base P.M.I. Power Mixer* ġie debitament konsenjat lura u aċċettat mill-konvenut *proprio et nomine*; l-istess attur talab li din il-Qorti (1) tiddikjara null u mingħajr effett il-pretiż bejgħ fuq imsemmi u konsegwentement tirrexxindi l-istess bejgħ; (2) tordna lil l-konvenut *proprio et nomine* jirrifondi lill-attur is-somma ta' tmien mitt lira maltin (Lm800) perċepiti minnu bħala parti mill-prezz tal-pretiż bejgħ; bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' April, 1979 u bl-imgħax mid-data tal-pagament;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

(1) illi ma saritx il-prova li Joseph Hammett huwa minorenni;

(2) Illi l-imsemmi Joseph Hammett qatt ma xtara f'ismu, imma f'isem id-ditta "Alpha Disco" ta' ħuh Mario Hammett, maggjorenni;

(3) Illi l-imsemmi Joseph Hammett ilu żmien twil jagħmel atti tal-kummerċ apertament u bil-konoxxenza ta' missieru;

(4) Illi l-apparat in kwistjoni ġie ritornat lill-esponent bl-iskuża li kien bil-ħsara u r-restituzzjoni ma ġiet qatt aċċettata mill-esponent;

Eżaminat il-provi kollha li tressqu w l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezzjoni ma hiex fondata. Infatti rriżulta bl-aktar mod ċar li l-attur Joseph Hammett twieled fl-1 ta' Ottubru, 1962 (ara ċertifikat a fol. 18) u li n-negozju in kwistjoni sar meta hu kellu sittax (16)-il sena magħluqa;

Irriżulta li Joseph Hammett xtara mingħand il-konvenut *'equipment'* tad-*disco* fi tlett okkażjonijiet differenti. L-ewwel xtara par *'speakers'* bil-prezz ta' Lm545. Xi xahar jew xahrejn wara xtara żewġ *'speakers'* oħra. Imbagħad għall-ħabta tal-aħħar tas-sena 1978 Joseph Hammett xtara *l-equipment* imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni tal-prezz ta' Lm1,190 li minnhom ħallas Lm800 akkont;

Fuq l-ewwel żewġ venditi ma nqala' ebda nkwiet bejn il-partijiet. Id-disgwid inqala' fuq l-aħħar bejgħ. F'din il-kawża l-attur qiegħed jipproponi l-azzjoni rexissorja u qed jitlob li l-imsemmi bejgħ jiġi dikjarat null u bla ebda effett peress li sar fi żmien meta l-attur Joseph Hammett kien għadu minorenni u għalhekk kien inkapaċi li jikkontratta tali bejgħ. Qed jitlob ukoll li l-konvenut ikun ikkundannat jirrifondilu t-Lm800 perċepiti minnu bħala parti mill-prezz tal-bejgħ;

Irriżulta li l-istess *'equipment'* ġie ritornat lill-konvenut. L-attur jippretendi li l-konsenja saret debitament u l-konvenut aċċettaha lura. Il-konvenut, però isostni li *l-equipment* inġab lura biex jissewwa iżda l-attur qatt ma mar biex jiġbru meta dan

issewwa f'qasir żmien għax il-ħsara kienet minima. B'hekk il-konvenut isostni li r-restituzzjoni qatt ma ġiet aċċettata minnu u fil-fehma tal-Qorti din il-pretensjoni tal-konvenut tirriżulta provata sodisfaċentement. Għalhekk l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenut tidher fondata;

Ikkunsidrat:

Illi hu risaput illi skond il-liġi (ara l-art. 1009 sa 1012, (illum 968 – 971) tal-Kodiċi Ċivili) il-minoretà hi konsidrata f'diversi fażijiet. F'din il-kawża tinteressana l-fażi ta' dak il-minorenni li jkun għalaq l-età ta' erbatax-il sena, iżda li jkun għadu ma għalaqx dik tat-tmintax-il sena u li jkun, kif kien l-attur Joseph Hammett, taħt is-setgħa tal-missier;

Hu risaput illi minorenni li jkollu l-età msemmija jaqa' taħt ir-regola ġenerali li l-ftehim ikun kunsidrat validu biss għal dawk l-obbligazzjonijiet li ħaddieħor ikun intrabat bihom favur tiegħu. Fi kliem ieħor, bħala regola, obbligazzjonijiet assunti minn minorenni bħal dan huma kunsidrati nulli u bla effett minħabba inkapaċità;

Però, skond il-liġi minorenni jista' jsir kapaċi li jikkontratta f'ċerti każijiet indikati mill-liġi;

Illi fost dawn il-każijiet hemm dawk imsemmija fl-artikolu 1260 u 1261 (illum 1217 u 1218) tal-Kodiċi Ċivili;

L-artikolu 1261 (illum 1217) inter alia jgħid hekk:

''Meta ftehim ..... jiġi magħmul mill-minuri minħabba s-

sengħa tiegħu ..... il-minuri ma jistax jitlob ir-rexissjoni ħlief f'dawk il-każijiet li fihom jistgħu jitolbuha l-persuni ta' l-età .....;"

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawża odjerna r-rexissjoni qegħda tintalab a bażi unikament ta' inkapaċità minħabba minoretà u għalhekk, skond l-imsemmi artikolu, ir-rexissjoni ma tkunx tista' tintalab f'dan il-każ jekk mill-provi jirriżulta li l-kuntratt tal-bejgħ tal-*equipment* in kwistjoni sar mill-minuri minħabba s-sengħa tiegħu;

Illi mill-provi akkwiżiti fil-proċess jirriżulta abbondantement li l-attur Joseph Hammett meta kien għadu minuri kien, bil-permess ta' missieru, jinnegozja billi jagħmel *id-discos* taħt l-isem "Alfa Disco". Kien ilu jagħmel dan ix-xogħol sa minn xi sentejn qabel ma xtara l-apparat mertu ta' din il-kawża. Biex iżomm tali *discos,* l-attur kellu apparat sofistikat (anke qabel ma nxtara l-apparat mertu ta' din il-kawża) li jiswa aktar minn elf lira maltija. L-attur kien jagħmel dawn *id-discos* f'diversi nħawi u l-aktar fil-Gladiator, għas-Servizzi Ingliżi. Missieru stess kien jaf li l-attur kellu kuntratt mal-Gladiator u kien qed jaqla' xi ħamsa u għoxrin lira fil-ġimgħa minn hemm u b'hekk kien għamel il-flus. Infatti rriżulta l-parti l-kbira tal-flus li bihom xtara l-apparat in kwistjoni daħħalhom min-negozju tiegħu bid-*discos* li kien jorganizza;

Irriżulta wkoll li l-equipment in kwistjoni kien Base *P.M.I. Power Mixer* li hu apparat sofistikat li jintuża preċiżament għad-*discos* u għalhekk ix-xiri tal-istess apparat da parti tal-attur sar

unikament minħabba s-sengħa jew negozju li l-istess attur kien jipprattika;

Illi la l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni, evidentement isir applikabbli għall-każ id-disposizzjoni msemmija tal-artikolu 1261 (illum 1218) li jivjeta l-minuri li jitlob ir-rexissjoni pretiża minnu;

Illi la l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni, ma hemmx *bżonn li tindaga oltre u cjoè tara jekk hux applikabbli għall-każ* l-art. 1260(2) (illum 1217(2)) u cjoè jekk kienx hemm jew le xi forma ta' ingann magħmul mill-attur biex seta' jġiegħel lill-konvenut jaħseb li hu kien kapaċi jikkontratta. Dana qiegħed jingħad għaliex il-konvenut għamel enfasi fuq ċerti fatti li xehed dwarhom fosthom li l-attur kien imur fil-ħanut tiegħu isuq car, kien jiftaħar li kellu kuntratti u jaqla' ħafna flus, li kien iħallas ammonti sostanzjali in kontanti;

Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-azzjoni esperita mill-attur ma jistax ikollha suċċess għaliex għalkemm l-attur kien minorenni meta xtara l-apparat in kwistjoni mingħand il-konvenut però tali xiri għamlu prettament minħabba s-sengħa jew negozju tiegħu u għalhekk hija applikabbli l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-inkapaċità, riferita fl-artikolu 1261 (illum 1218) imsemmi;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talbiet tal-attur – bl-ispejjeż kontra tiegħu;

L-attur appella billi ħassu aggravat liema aggravji

konċiżament huma:

(a) Il-Qorti rriġettat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, imma dan il-fatt ma ġiex kunsidrat fil-kap ta' l-ispejjeż;

(b) It-tieni eċċezzjoni ma ġietx b'ebda mod deċiża u din hija mankanza mportanti nkwantu hija in kontradizzjoni mat-tielet eċċezzjoni;

(ċ) L-istess jingħad fuq ir-raba' eċċezzjoni li tissemma "obiter" imma xorta ma ġietx deċiża;

(d) Iċ-ċaħda impliċita jew espliċita ta' dawn l-eċċezzjonijiet ma ġietx riflessa fil-kap ta' l-ispejjeż;

(e) Illi l-minuri ma kienx jeżerċita sengħa jew mistier – imma *se mai* kien jinnegozja u għalhekk is-sentenza applikat il-liġi ħażin;

Illi s-sentenza ma tikkunsidrax l-implikazzjoni ġuridiċi tal-fatt illi l-apparat ġie ritornat u aċċettat mill-konvenut;

Fir-risposta tiegħu l-konvenut barra li approva l-operat tas-sentenza, speċifika illi (a) il-Qorti tista' tagħżel liema eċċezzjonijiet tiddeċidi u jekk waħda teżawrixxi l-azzjoni din tkun biżżejjed u (b) din il-Qorti ta' l-Appell ġiet mistiedna tapplika l-art. 1260(2) (illum l-art. 1217(2) ) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16:

"Iżda, il-minuri ma jistax jattakka l-obbligazzjoni tiegħu minħabba li ma kienx kapaċi li jikkuntratta, meta hu jkun inqeda b'inganni li setgħu jġiegħlu li wieħed jaħseb li hu kien kapaċi jikkuntratta, u jkun, b'dan il-mod, qarraq lill-parti l-oħra;"

Ikkunsidrat:

Is-sentenza applikat għall-każ dak li llum huwa **l-Artikolu 1218 tal-Kodiċi Ċivili,** li jipprovvdi:

"Meta l-ftehim huwa tali li għalih il-minuri, skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, jitqies bħala li hu ta' l-età, jew meta jiġi magħmul mill-minuri minħabba s-sengħa tiegħu, jew meta l-obbligazzjoni tkun imnissla minn delitt jew kważi-delitt, f'dawk il-każijiet il-minuri ma jistax jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt, ħlief f'dawk il-każijiet li fihom jistgħu jitolbuha l-persuni ta' l-età, bla ħsara, fil-każ ta' delitt jew kważi-delitt, tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 1035 u 1036;"

Minuri ma jistax jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt, f'kull waħda minn dawn l-okkażjonijiet:

(a) Meta għalkemm taħt l-età, ikun ġie emanċipat skond l-artikolu 9 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

(b) Meta l-kuntratt jiġi magħmul minħabba s-sengħa tal-minuri;

(ċ) Meta l-minuri jkun ħati ta' delitt jew kważi-delitt;

L-ewwel Onorabbli Qorti applikat għal każ, it-tieni waħda minn dawn it-tlett eċċezzjonijiet għad-dritt ta' azzjoni tal-minuri biex jirrixxendi l-kuntratti li jkun daħal fihom qabel ma jkollu l-età rikjesta mill-liġi u li tagħmlu kapaċi li jikkuntratta;

Issa mill-provi kollha fil-proċess, mill-eċċezzjonijiet stess tal-

konvenut, dak li jista' jingħad huwa li l-minuri kien qed jinnegozja, cjoè kien qiegħed okkupat f'attività konnessa man-negozju ta' divertiment permezz ta' dak li huwa magħruf bħala *"discos"* abbrevjazzjoni li tiddeskrivi l-lokal mgħammar bħala diskoteka fejn jindaqqu d-diski u jsir iż-żfin. Dak li **l-liġi tikkontempla** però huwa **"sengħa"** u **sengħa tirrikjedi kompetenza *fil-manifattura*, fis-sens *litterali* tal-kelma** – mastrudaxxa, skarpar, ħajjat – u n-nies **tas-snajja m'humiex negozjanti fis-sens li huma definiti fil-Kodiċi tal-Kummerċ;**

Meta l-konvenut, fit-tielet eċċezzjoni tiegħu jgħid li: "... Joseph Hammett ilu żmien twil jagħmel **atti tal-kummerċ** apertament u bil-konoxxenza ta' missieru," ikun qiegħed jeskludi kull ideja ta' attività artiġjanali – li hija sinonimu ta' "eżerċizzju ta' sengħa" – u anzi qiegħed jagħmel riferenza preċiża għal dak li jiddefinixxi u jirregola l-Kodiċi tal-Kummerċ – kif se jintqal *infra*;

L-applikazzjoni li għamel is-sentenza appellata hija għalhekk żbaljata u insostenibbli;

Minn dak li kien jagħmel l-attur minorenni, in-negozju li miegħu kien marbut il-kuntratt li qed jitlob li jiġi rexiss – huwa ovvju li hija l-ewwel waħda mit-tlett eċċezzjonijiet li jsemmi l-artikolu 1218 li jrid jiġi eżaminat għall-applikabbilità o meno ta' l-artikolu biex tiġi eskluża l-azzjoni;

L-artikolu tal-Kodiċi Ċivili fl-ewwel eċċezzjoni jirriferixxi għal dak il-minuri li jinnegozja kif jippermetti u jirregola l-Kodiċi tal-Kummerċ;

L-Artikolu 9 jiddisponi:

"Kull minuri, meta jagħlaq is-sittax-il sena, jista' jikkummerċja u jitqies bħala li hu ta' l-età għall-obbligazzjonijiet li bihom jintrabat f'affarijiet tal-kummerċ, kemm il-darba –

(a) *ikun qabel ġie awtorizzat għaldaqshekk mill-ġenitur* li għas-setgħa tiegħu jkun suġġett, bil-mezz ta' att pubbliku rreġistrat fil-Qorti tal-Kummerċ; jew, jekk iż-żewġ ġenituri jkunu mejtin, interdetti jew assenti, ikun ġie awtorizzat mill-imħallef tal-Qorti tal-Kummerċ; u

(b) sunt ta' l-att ta' awtorizzazzjoni jew tad-digriet hawn fuq imsemmijin ikun ġie mxandar b'avviż, fil-Borsa tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern, u f'gazzetta oħra;

Din id-disposizzjoni turi b'liema kawtela, b'liema attenzjoni l-liġi tħares lejn din il-kapaċità kontrattwali tal-minuri li għaliha jrid jiġi emanċipat mill-ġenitur illi jkollu l-*patria potestà*;

Joseph Hammett ma kienx emanċipat kif irid dan l-artikolu u konsegwentement lanqas l-ewwel eċċezzjoni li jikkontempla l-art. 1218 Kap. 16, ma jista jiġi applikat għall-każ;

Hemm fl-aħħarnett l-art. 11 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jrid jiġi kkunsidrat:

"Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 9 u 10 jgħoddu għall-minuri li ma jkunx kummerċjanti, kwantu għall-atti ddikjarati li huma atti tal-kummerċ."

Dan ifisser illi dak **il-minuri li ma jkunx ġie emanċipat,** kif provdut, **imma jesegwixxi atti dikjarati li huma atti ta' kummerċ, xorta waħda dak il-minuri jiġi kkunsidrat bħallikieku ġie emanċipat u l-obbligazzjonijiet li bihom jintrabat ma jkunx jista' jħollhom fuq il-bażi tal-minorità tiegħu;**

In-negozji li għamel il-minuri skond il-provi in kawża, però ma jikkostitwux atti dikjarati bħala atti ta' kummerċ – kif jinsabu elenkati fl-art. 5 tal-istess Kodiċi tal-Kummerċ, u għalhekk lanqas dan l-artikolu ma jista' jiġi applikat għall-każ;

Il-konsegwenza hija l-attur Joseph Hammett ma jistax jiġi dikjarat li m'għandux l-azzjoni x'jeżerċita;

Oltre dan kollu però hemm fattur legali ieħor li hu dirimenti u għandu jwassal għal dikjarazzjoni tan-nullità ta' l-istess sentenza appellata;

Infatti, għalkemm ma jirriżultax mill-korp tas-sentenza appellata li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qed tissolleva hi "*ex ufficio*" l-eċċezzjoni li fil-fatt iddeċidiet a bażi tagħha s-sentenza, jirriżulta li **din l-eċċezzjoni ma ġietx sollevata mill-partijiet iżda mill-Qorti stess;**

Fil-fehma tal-Qorti dan iwassalha biex tiddeċidi illi fil-proċess li wassal għas-sentenza appellata, **l-ewwel Qorti ipproċediet bi proċedura li tivvjola prinċipju kardinali tas-smiegħ tal-kawża** u cjoè illi l-Qorti **m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li m'hux awtorizzati espressament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn**

**kunsiderazzjonijiet ta' Ordni Pubbliku;** altrimenti kwalunkwe kwistjoni legali tkun *tista' tiġi sollevata mill-Qorti, prattika din* li mhix rakkomandabbli li tista' twassal għal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeċidi fuq l-eċċezzjoni tagħha stess;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell kif ġej u cjoè billi filwaqt li *tikkonferma s-sentenza appellata* in kwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut tiddikjara l-kumplament tas-sentenza bħala nulla u bla effett u konsegwentement tirrimetti l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-konklużjoni skond il-liġi. L-ispejjeż kollha relativi għaċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni jibqgħu a kariku tal-konvenut mentri l-ispejjeż l-oħra kollha inklużi anki dawk *ta'* dan *l-appell, ikunu a kariku tal-partijiet nofs kull* wieħed.